

Brussell, 29 ta' Mejju 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0017 (COD)

9644/26
ADD 1

CODEC 991
POLCOM 190
COMER 96
FDI 15
RELEX 705
DUAL USE 40
RECH 243
ENER 279
ENV 559

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni u li jfassar ir-Regolament (UE) 2019/452 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa ta' azzjoni ulterjuri dwar l-investimenti barranin u s-sigurtà ekonomika

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jaqblu li l-Unjoni jeħtiġilha tibqa' post attraenti għan-negozju, filwaqt li jiġi żgurat li l-investimenti barranin, speċjalment fis-setturi strateġiċi, jikkontribwixxu għat-**tkabbir ekonomiku u l-kompetittività**.

Iż-**żewġ istituzzjonijiet jirrikonoxxu**, madankollu, li ċerti investimenti jirriskjaw li joħolqu dipendenzi strateġiċi u li jimminaw ir-reżiljenza tas-suq intern. Dawn l-iżviluppi jirriskjaw li jdgħajfu s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni u jistgħu jimminaw il-vantaġġ teknoloġiku u r-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni u l-kapaċità tagħha li toħloq l-impjiegi.

F'dan l-isfond, iż-żewġ istituzzjonijiet iqisu li hija prijorità li jivvalutaw u jieħdu l-azzjoni ulterjuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw tali riskji u jissalvagwardjaw is-sigurtà ekonomika tal-Unjoni sabiex jiżguraw li l-investimenti barranin fl-Unjoni ma jżidux id-dipendenzi strateġiċi jew il-lakuni teknoloġiċi.

Il-Kummissjoni biĥsiebha tieĥu inizzjattiva biex tistabbilixxi kundizzjonijiet immirati għall-investimenti barranin deĥlin f'setturi strateġiċi identifikati bir-reqqa, f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, bil-ĥsieb li tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni u jiġu indirizzati r-riskji msemmija hawn fuq.

Il-Parlament Ewropew jirrikonoxxi dan l-impenn u jinsab lest li jeżerċita bis-sħiħ ir-rwol tiegħu bħala koleġiżlatur u li jikkunsidra kwalunkwe proposta bħal din fl-iqsar żmien possibbli.
